# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 10 ta' April 2025**

**Nru: 1**

**Rikors Nru. 68/2024**

## Mark Anthony Portelli

**v**

## Avukat tal-Istat

**Ilment kostituzzjonali**

1. Fir-rikors tiegħu tal-14 ta' Frar 2024, ir-rikorrent jgħid li nkiser id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, kif garantit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fis-sitt artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem (il-'Konvenzjoni').[1] Dan għaliex il-kawża li nfetħet kontra tiegħu minn Francis u Charles Falzon fid-9 ta' April 2014 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Sede Ċivili)[2] (il-'Kawża'), damet disa' snin biex tinqata', inkluż ħames snin minn meta tħalliet għas-sentenza l-ewwel darba (fil-21 ta' Frar 2018), sa meta finalment ingħatat is-sentenza (fid-29 ta' Novembru 2023).

---

[1] *Scordino v. Italy* (no. 1), app no. 36813/97, QEDB, deċiża 29 ta' Marzu 2006 §183; *Vocaturo v Italy*, app. no. 11891/85, QEDB, deċiża 24 ta' Mejju 1991 §17; *Cappello v Italy*, app. no. 12783/87, QEDB, deċiża 27 ta' Frar 1992 § 17; *Horvat vs Croatia*, app no. 51585/99, QEDB, deċiża 26 ta' Lulju 2001.

[2] Ara s-sentenza b'numru 122/2014, *Francis Falzon et vs Mark Anthony Portelli*, Qorti tal-Maġistrati (Malta) (sede ċivili), deċiża 29 ta' Novembru 2023, fil-proċess allegat f'paġni 132-140.

2. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rikorrent qiegħed jitlob:-

   i. Illi l-Qorti issib lis-sentenza moghtija fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru mill-Prim'Awla tikser l-jeddijiet fondamentali tal-esponent ghal smigh xieraq taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjonali tar-Repubblika ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-konvenzjoni;

   ii. Illi l-Qorti issib li z-zmien li hadet biex tinqata' l-kawza mressqa mill-esponent tikkostitwixxi dewmien eċċessiv;

   iii. Taghti rimedju xieraq u effettiv sabiex jaghmel tajjeb ghal-imsemmija leżjoni/leżjonijiet kompriz li tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti danni kemm pekunjarji kif ukoll dawk mhux pekunjarji biex jaghmlu tajjeb ghat tali leżjonijiet.

   iv. Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma nġunta ghas-subizzjoni.[3]

## Risposta tal-Avukat tal-Istat

3. Fir-risposta tat-13 ta' Marzu 2024, l-Avukat tal-Istat eċċepixxa:-

   i. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jistħoqq li jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;

   ii. Illi l-esponent jeċepixxi illi l-ewwel talba kif elenkata fir-rikors in risposta hija waħda żbaljata stante illi s-Sentenza fiha nnifisha tal-Qorti tal-Maġistrati tad-29 ta'Novembru 2023 fl-ismijiet Francis Falzon et vs Mark Anthony Portelli ma kkawżat ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;

   iii. Illi għalkemm il-proċeduri ċivili, damu madwar disa' (9) snin sabiex inqatgħu ma jfissirx b' daqshekk li awtomatikament għandu jinstab li kien hemm dewmien irraġonevoli jew dewmien attribwibbli lill-Istat. Fil-fatt, hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew minn numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun (Ara f' dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Francis Theuma vs Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ġunju 2003);

   iv. Illi huwa paċifiku li d-dritt għal smigħ xieraq irid ikun evalwat fit-totalità tal-proċeduri u li l-fatturi li primarjament għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huma l-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja. Kif jgħidu l-awturi Harris, u Boyle u Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights: "The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties ta Court proceedings ... against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A)1989); 12 EHRR 74 para 58]. The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-Xl; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial. authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' far the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what i s 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC]";

   v. Illi għalhekk, mhuwiex suffiċjenti li wieħed jilmenta biss fuq it-tul tal-proċeduri meta jiġi allegat ksur tad-dritt ta' smigħ raġonevoli fi żmien xieraq. Ir-rikorrent irid jipprova li ċ-ċirkostanzi varji surriferiti avveraw ruħhom fil-kawżi in kwistjoni. L-esponent jikkontendi li meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ għandu jirriżulta li ma kienx hemm leżjoni tad-drittijiet invokati mir-rikorrent;

[3] Ara r-rikors kostituzzjonali tal-14 ta' Frar 2024, f'paġni 1-4.

vi. Illi l-esponent jecepixxi li meta kawża tkun ilha pendenti għas-sentenza quddiem qorti partikolari għal tmintax-il xahar jew aktar, l-artikolu 195(5)(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jippermetti lil kwalunkwe parti fil-kawża sabiex permezz ta' rikors jitolbu lill-Prim Imħallef sabiex jassenja l-kawża lil ġudikant ieħor;

vii. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, data ma non concesso li kien hemm dewmien li jeċċedi l-parametri ta' smigħ fi żmien raġonevoli, ir-rikorrent irid juri li huwa ma kkontribwixxiex għal dan id-dewmien u li ħa passi biex jipprevjeni dan id-dewmien milli jseħħ. Jekk jirriżulta li r-rikorrent kien effettivament ikkontribwixxa għal dan id-dewmien jew baqa' sieket minkejja d-dewmien, dawn il-fatti għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti f'każ li tqis li r-rikorrent għandu jingħata xi forma ta' rimedju;

viii. Illi l-esponent Avukat tal-Istat li f' din il-kawza jwieġeb għal aġir tal-Qrati jirrileva illi l-Qorti fic-cirkostanzi enuncjati fir-rikors promotur aġixxew b'mod effiċjenti stante illi ma jidhirx illi kien hemm xi dewmien sabiex jiġu deċiżi l-proceduri ċivili;

ix. Illi bla ħsara għall-premess, anke jekk għall-ġieħ tal-argument biss, din l-Onorabbli Qorti ssib li kien hemm dewmien mhux raġonevoli, jaqa' fuq ir-rikorrent li juri li tassew ġarrab ħsara minħabba dan l-allegat dewmien;

x. Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent ma sofra ebda dannu allegatament rekat lill-propjetà' tiegħu stante li l-mertu tal-kawza 122/2014MF kien jitratta danni rekati lill-terzi oħra u cjoe' lil Francis Falzon u Charles Falzon, permezz ta' liema ġudikat ir-rikorrent gie proprjament ikkundannat ihallas danni lil dawn it-terzi. Jingħad ukoll illi t-trapass ta' żmien bejn l-intavolar tal-kawza 122/2014MF u s-Sentenza Finali ma serviet għal ebda telf finanzjarju jew imposizzjoni ta' imgħax, salv għal imgħax legali mid-data tas-Sentenza sad-data tal-pagament effettiv. Kwindi il-premessa numru 8 kif indikata fir-rikors promotur in risposta tirrazenta l-assurd u hija prettament frivola u vessatorja;

xi. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

xii. Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjeż.[4]

## Il-prosegwiment tal-Kawża

4. Il-Kawża nfetħet minn Francis u Charles Falzon fid-9 ta' April 2014. Fiha huma talbu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Sede Ċivili) (minn hawn 'il quddiem il-'Qorti tal-Maġistrati') sabiex tordna lil Mark Anthony Portelli jħallas is-somma ta' €3,842.51 rappreżentanti ħsarat allegatament sofferti fil-fond li kien mikri lis-sur Portelli, arretrati ta' kera u bilanċ ta' kontijiet ta' dawl u ilma.[5]

5. Is-sur Portelli ppreżenta risposta fit-12 ta' Mejju 2014, fejn eċċepixxa, in linea preliminari, in-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* tal-Qorti tal-Maġistrati, liem kompetenza huwa jgħid li kienet vestita fil-Bord li Jirregola l-Kera. Fil-meritu, is-sur Portelli eċċepixxa li l-kirja kienet intemmet fl-aħħar ta' Settembru 2013. Konsegwentement, ma kien hemm l-ebda arretrati ta' kera dovuti minnu u l-kontijiet ta' dawl u ilma li kienu qed ifittxu l-ħlas

[4] Ara r-risposta tat-13 ta' Marzu 2024, f'paġni 21-23.
[5] Ara l-avviż tad-9 ta' April 2014 fil-proċess allegat, f'paġni 1-6.

tagħhom is-sinjuri Falzon, ġew akkumulati wara li huwa kien diġà vvaka l-fond mikri. Fir-rigward tal-ħsarat li allegatament ġew ikkawżati fil-fond mikri, huwa sostna li huwa kien irritorna l-fond fi stat tajjeb u li għalhekk ma kienx responsabbli għall-ħsarat li għamlu riferenza għalihom is-sinjuri Falzon.[6]

6. Il-Qorti tal-Maġistrati appuntat il-kawża għall-ewwel dehra fit-8 ta' Ottubru 2014.[7] Hija semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet rigward l-eċċezzjoni preliminari fit-2 ta' Frar 2015,[8] u ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *rationae materiae* fid-deċiżjoni preliminari tagħha tal-4 ta' Mejju 2015.[9] Dakinhar ġew ippreżentati wkoll l-affidavits u xi dokumenti tas-sinjuri Falzon.[10]

7. Fis-seduta segwenti, cioè fis-16 ta' Novembru 2015,[11] xehed il-perit Godwin Abela, li ttella' mis-sinjuri Falzon sabiex jixhed fuq il-ħsarat fil-fond mikri. Huwa kellu jkompli jixhed fis-seduta ta' wara, jiġifieri fit-2 ta' Marzu 2016; però huwa naqas milli jidher dakinhar u għalhekk il-kawża kellha tiġi differita għad-9 ta' Mejju 2016.[12] F'dik is-seduta ġiet konkluża x-xhieda tal-perit, u s-sinjuri Falzon iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'iressqu. B'hekk il-kawża ġiet differita għas-7 ta' Novembru 2016 għall-provi tas-sur Portelli.[13]

8. Meta wasal is-7 ta' Novembru 2016, deher id-difensur tas-sur Portelli, li informa lill-Qorti li dakinhar kien beħsiebu jixhed is-sur Portelli iżda li dan ma setax jattendi għaliex kellu xi xogħol ta' natura urġenti.[14] Għalhekk huwa talab id-differiment tal-kawża, liem talba ġiet milqugħa. Fis-seduta ta' wara, jiġifieri fit-23 ta' Jannar 2017,[15] is-sur Portelli ppreżenta l-affidavit tiegħu u xi dokumenti probatorji oħra u tella' lis-sur Francis Falzon biex jixhed.[16] Ix-xhieda tas-sur Francis Falzon u tal-attur l-ieħor kellha tkompli tinstema' fis-

[6] Ara r-risposta ta' Mark Anthony Portelli tat-12 ta' Mejju 2014 fil-proċess allegat f'paġna 11.
[7] Ara d-digriet tal-appuntament tal-ewwel dehra fil-proċess allegat f'paġna 8.
[8] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tat-2 ta' Frar 2015 fil-proċess allegat f'paġna 14.
[9] Ara d-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Maġistrati tal-4 ta' Mejju 2015 fil-proċess allegat f'paġni 27-30.
[10] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tal-4 ta' Mejju 2015 fil-proċess allegat f'paġna 26.
[11] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tas-16 ta' Novembru 2015 fil-proċess allegat f'paġna 49.
[12] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tat-2 ta' Marzu 2016 fil-proċess allegat f'paġna 52.
[13] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tad-9 ta' Mejju 2016 fil-proċess allegat f'paġna 53.
[14] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tas-7 ta' Novembru 2016 fil-proċess allegat f'paġna 60.
[15] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tat-23 ta' Jannar 2017 fil-proċess allegat f'paġni 61-62.
[16] Ara l-affidavit u d-dokumenti probatorji oħra li ppreżenta fit-23 ta' Jannar 2017 fil-proċess allegat f'paġni 63-83.

seduta ta' wara, jiġifieri fil-5 ta' April 2017, iżda f'din is-seduta s-sur Portelli ddikjara li ma kellux domandi ulterjuri.[17]

9. Fis-seduta ta' wara din, fit-28 ta' Ġunju 2017,[18] is-sur Portelli kkonkluda l-provi tiegħu u ż-żewġ partijiet ingħataw terminu biex jippreżentaw noti bis-sottomissjonijiet tagħhom. Is-sinjuri Falzon ingħataw sal-31 ta' Awwissu 2017 u s-sur Portelli ngħata sal-31 ta' Ottubru 2017, liem terminu ġie estiż sas-26 ta' Jannar 2018,[19] wara li dan għamel talba *ut sic* f'rikors tal-14 ta' Novembru 2017.[20]

10. Fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018,[21] li kienet appuntata għat-trattazzjonijiet tal-partijiet, il-partijiet iddikjaraw li kienu qiegħdin jistrieħu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, u għalhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza fis-26 ta' Settembru 2018. Minħabba li l-Qorti kellha bżonn "aktar żmien għall-prolazzjoni tas-sentenza",[22] is-sentenza ġiet posposta għat-28 ta' Frar 2019,[23] imbagħad għad-9 ta' Ottubru 2019[24] u imbagħad għat-22 ta' April 2020.

11. Fl-14 ta' April 2020, il-Qorti tal-Maġistrati ħarġet digriet skont l-Avviż Legali Numru 61 u l-Avviż Legali Numru 65 maħruġa taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465), fejn ipposponiet numru ta' kawżi, inkluż il-Kawża, li ġiet differita għas-16 ta' Novembru 2020.[25] Minn dakinhar is-sentenza reġgħet ġiet differita diversi drabi minħabba l-bżonn tal-Qorti għal "aktar żmien għall-prolazzjoni tas-sentenza";[26] l-ewwel fil-21 ta' April 2021,[27] imbagħad fl-10 ta' Novembru 2021,[28] fid-9 ta' Marzu 2022,[29] fit-12 ta' Ottubru 2022,[30] fis-26 ta' April 2023,[31] fit-8 ta' Novembru 2023[32] u fid-29 ta' Novembru 2023.[33]

---

[17] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tal-5 ta' April 2017 fil-proċess allegat f'paġna 97.
[18] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tal-28 ta' Ġunju 2017 fil-proċess allegat f'paġna 98.
[19] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tal-20 ta' Novembru 2017 fil-proċess allegat f'paġna 108.
[20] Ara r-rikors ta' Mark Anthony Portelli tal-14 ta' Novembru 2017 fil-proċess allegat f'paġna 107.
[21] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tal-21 ta' Frar 2018 fil-proċess allegat f'paġna 117.
[22] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tas-26 ta' Settembru 2018 fil-proċess allegat f'paġna 118.
[23] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tat-28 ta' Frar 2019 fil-proċess allegat f'paġna 119.
[24] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tad-9 ta' Ottubru 2019 fil-proċess allegat f'paġna 121.
[25] Ara d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tal-14 ta' April 2020 fil-proċess allegat f'paġna 122.
[26] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tas-16 ta' Novembru 2020 fil-proċess allegat f'paġna 124.
[27] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tal-21 ta' April 2021 fil-proċess allegat f'paġna 125.
[28] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tal-10 ta' Novembru 2021 fil-proċess allegat f'paġna 126.
[29] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tad-9 ta' Marzu 2022 fil-proċess allegat f'paġna 127.
[30] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tat-12 ta' Ottubru 2022 fil-proċess allegat f'paġna 128.
[31] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tas-26 ta' April 2023 fil-proċess allegat f'paġna 129.
[32] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tat-8 ta' Novembru 2023 fil-proċess allegat f'paġna 130.
[33] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tad-29 ta' Novembru 2023 fil-proċess allegat f'paġna 131.

12. Fid-29 ta' Novembru 2023, ingħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.[34] F'din is-sentenza l-Qorti waslet għall-konklużjoni li t-talba tas-sinjuri Falzon għall-ħlas tal-kera u għall-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienet ġustifikata peress li s-sur Portelli kien naqas milli jirritorna ċ-ċwievet tal-fond mikri meta l-kirja kienet suppost ġiet itterminata. Wara li għamlet riferenza għar-rapport peritali mressaq mis-sinjuri Falzon u l-istat tal-fond mikri fil-bidu tal-kirja, hija sabet li kienet ukoll ġustifikata t-talba tas-sinjuri Falzon għall-kumpens tal-ħsarat sofferti. B'hekk, filwaqt li hija ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, hija laqgħet (bi ftit tnaqqis) it-talba tas-sinjuri Falzon u kkundannat lis-sur Portelli biex "iħallas lill-atturi is-somma ta' tlett elef seba' mija u erba' Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€3,704.45) bl-imgħax mil-lum sad-data tal-pagament effettiv."

**L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea**

13. Kif diġà ngħad, ir-rikorrent qiegħed jallega li kien hemm dewmien eċċessiv fis-smiegħ tal-Kawża, u dana bi ksur tas-sitt artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, kif traspost fil-Kap. 319, jipprovdi hekk:-

> "Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi."

14. Meta tiġi biex tiddetermina jekk kienx hemm dewmien eċċessiv fl-andament tal-proċeduri, il-qorti trid naturalment tibda billi tqis iż-żmien li ħadu l-proċeduri, u cioè ż-żmien bejn meta ġie ppreżentat l-att promotur sa meta tkun ingħatat is-sentenza finali li tkun għaddiet in ġudikat.[35] Però, m'hemmx xi "absolute time-limit" għall-konklużjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji,[36] u skont il-ġurisprudenza, kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ('QEDB'),[37] kif ukoll dik tal-qrati Maltin,[38] jeħtieġ li jiġu evalwati numru ta' kriterji oħra

---

[34] Ara s-sentenza b'numru 122/2014, *Francis Falzon et vs Mark Anthony Portelli*, Qorti tal-Maġistrati (Malta) (sede ċivili), deċiża 29 ta' Novembru 2023, fil-proċess allegat f'paġni 132-140.
[35] *Poiss v. Austria*, 23 ta' April 1987, Series A no. 117; *König v. Germany*, 28 ta' Ġunju 1978, Series A no. 27.
[36] Van Dijk P u van Hoof G.J.H. 'Theory and Practice of the European Convention on Human Rights. Ara wkoll, *Joseph Camilleri vs AG*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 28 ta' Settembru 2012; *George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 8 ta' Novembru 2004; *Dr Lawrence Pullicino vs Prim'Ministru*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 18 ta' Awwissu 1998; *John Bugeja vs Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 8 ta' Novembru 2003.
[37] Ara fost oħrajn *Frydlender v France* [GC] app no 30979/96, ECHR 2000-VII § 43; *Sürmeli v. Germany* [GC], no. 75529/01, ECHR 2006-VII.
[38] Ara fost oħrajn, *Francis Said vs Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 12 ta' Frar 2010; *Nazzareno vs Reno Zarb vs Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 31 ta' Ottubru 2003; *Sydney Ellul Sullivan vs il-*

sabiex il-qorti tasal għall-konklużjoni rigward il-qies tad-dewmien fit-tmexxija ta' proċedura quddiem qorti.

15. Dawn il-kriterji huma s-segwenti:-

a. in-natura u/jew il-komplessità tal-każ;
b. il-mod kif ikun ikkomporta ruħu fil-kors tas-smiegħ tal-kawża dak li jkun qiegħed iressaq l-ilment;
c. il-mod kif il-proċeduri jkunu tmexxew mill-awtoritajiet konċernati; u
d. riċentement, sar jitqies ukoll is-siwi ta' dak li l-parti għandha x'titlef u tirbaħ mill-każ tagħha quddiem il-qrati u cioè "what is 'at stake' for the applicant".[39]

16. Dawn irid jiġu evalwati b'mod kumulattiv.[40] Skont il-ġurisprudenza tal-QEDB, meta jkun jidher mid-daqqa t'għajn li kien hemm dewmien eċċessiv jew irraġonevoli fis-smiegħ tal-proċedimenti, l-Istat huwa tenut jipprovdi spjegazzjoni adegwata għad-dewmien; fin-nuqqas jinstab ksur tad-dritt għas-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli.[41]

*Il-komplessità tal-każ*

17. Meta tiġi biex tiddetermina jekk kienx hemm dewmien eċċessiv jew irraġonevoli fl-andament tal-proċeduri, il-qorti għandha tqis il-komplessità tal-każ, u b'hekk għandha tara jekk kienx hemm xi kwistjonijiet fattwali, legali jew proċedurali, li setgħu raġonevolment taw lok għal dewmien.

18. F'dan il-każ, is-sur Portelli qajjem eċċezzjoni ta' natura preliminari, fejn eċċepixxa n-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* tal-Qorti tal-Maġistrati biex tiddetermina kwistjoni ta' arretrati ta' kera u ħsarat fil-fond mikri. Din l-eċċezzjoni ma jidhirx li kienet tippreżenta xi komplessità partikolari għall-Qorti tal-Maġistrati, peress li kienu diġà ngħataw sentenzi rigward l-istess eċċezzjoni, liem sentenzi ġew iċċitati mill-istess Qorti.

---

*Kummissarju tal-Pulizija et*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 28 ta' Jannar 2013; *Joseph Gatt et vs Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 28 ta' Frar 2014.

[39] Ara fost oħrajn *Frydlender v France* [GC] app no 30979/96, ECHR 2000-VII § 43; *Sürmeli v. Germany* [GC], no. 75529/01, ECHR 2006-VII.

[40] *John A. Said pro et nomine vs Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 11 ta' Novembru 2011.

[41] *Foti and others v. Italy*, app nos. 7913/77 (u oħrajn), QEDB, deċiża 10 ta' Diċembru 1982, §§65, 68, 69, 72 u 76; *Corigilano v. Italy,* app no. 8304/78, QEDB, deċiża 10 ta' Diċembru 1982 §47; *Abdoella v. the Netherlands,* app. *no.* 12728/87, QEDB, deċiża 25 ta' Novembru 1992 §23.

Id-deliberazzjoni ta' din l-eċċezzjoni, li eventwalment ġiet miċħuda, tat lok għal xi ftit dilungar fil-kawża, għall-inqas sal-4 ta' Mejju 2015.

19. Issa fil-meritu, il-każ kien pjuttost sempliċi. Ma tqajmet l-ebda kwistjoni legali, u l-kwistjonijiet fattwali li riedu jiġu ddeterminati kienu essenzjalment tnejn; meta ġiet itterminata l-kirja tas-sur Portelli; u jekk il-fond mikri ġiex irritornat fi stat tajjeb. Dwar dawn iż-żewġ kwistjonijiet fattwali, ma kienx hemm volum qawwi ta' xhieda x'jinstemgħu jew ta' provi oħra x'jitqiesu. Lanqas ma kien hemm xi diffikultajiet proċedurali li tawlu l-kawża b'mod sostanzjali.[42]

*Il-komportament tas-sur Portelli*

20. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-individwu li qiegħed iressaq l-ilment kellux xi impatt fuq iż-żmien li ħadu l-proċeduri; per eżempju, jekk dan għamilx talbiet għal differimenti u għall-estensjonijiet f'xi terminu,[43] jekk dan ressaqx talbiet interlokutorji u eċċezzjonijiet preliminari,[44] u jekk dan tax lok għal xi dewmien fil-preżentata tal-provi.[45]

21. F'dan il-każ, kien hemm minn tal-inqas żewġ okkażjonijiet partikolari fejn is-sur Portelli kkontribwixxa għad-dewmien fis-smigħ tal-kawża. Is-seduta tas-7 ta' Novembru 2016 ġiet differita għat-23 ta' Jannar 2017 għaliex huwa m'attendiex meta kellu jixhed. Apparti minn hekk huwa talab u ottjena estensjoni fit-terminu għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu; mill-31 ta' Ottubru 2017 sas-26 ta' Jannar 2018. Dan ta lok għal madwar ħames xhur dewmien, li ma jistax ikun responsabbli għalihom l-Istat. Għandu jittieħed ukoll in konsiderazzjoni tal-fatt li bejn it-12 ta' Mejju 2014 u l-4 ta' Mejju 2015, il-qorti kienet qiegħda tisma' u tiddelibera l-eċċezzjoni preliminari ssollevata minnu, liem eċċezzjoni ġiet eventwalment miċħuda.

22. L-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li r-rikorrent għandu jipprova mhux biss li ma kkontribwixxiex għad-dewmien iżda wkoll li ħa passi biex jippreveni d-dewmien. F'dan ir-rigward, huwa

[42] Meta l-Kawża kienet ġa ilha ftit li kienet tħalliet għas-sentenza, faqqgħet il-pandemija; però l-iStat ma ressaq ebda prova li l-pandemija kellha l-effett li tawlet iżjed iż-żmien għall-għoti tas-sentenza.
[43] *Buchholz v. Germany*, 6 ta' Mejju 1981, Series A no. 42, §§56-57; *Capuano v. Italy*, 25 ta' Ġunju 1987, Series A no. 119 § 28; *Pizzetti v. Italy*, 26 ta' Frar 1993, Series A no. 257-C § 18.
[44] *Ringeisen v. Austria*, 16 ta' Lulju 1971, Series A no. 13 §110; *Lechner and Hess v. Austria*, 23 ta' April 1987, Series A no. 118; *König v. Germany*, 28 ta' Ġunju 1978, Series A no. 27 §§103 u 108.
[45] *Buchholz v. Germany*, 6 ta' Mejju 1981, Series A no. 42, § 57; *Capuano v. Italy*, 25 ta' Ġunju 1987, Series A no. 119 §28.

jsemmi li r-rikorrent naqas milli jeżerċita r-rimedju li huwa kellu taħt l-artikolu 195(5) tal-Kap. 12, li kien jipprovdilu l-fakoltà biex jitlob ir-riassenjament tal-Kawża peress li din kienet ilha pendenti għas-sentenza għal "tmintax-il xahar jew aktar".

23. F'dan ir-rigward, is-sur Portelli jirribatti li anke kieku kellu jeżerċita din il-fakoltà:-

> "l-probabbilta' kbira kienet tkun illi l-kaz kien idum ferm izjed milli fil-fatt dam sabiex jigi deciz, minhabba s-semplici fatt illi l-gudikant il-gdid kieku kien ser ikollu jara l-process tal-kawza mill-bidu sabiex jasal ghal decizjoni dwar kaz illi ma jkollu l-ebda familjarita' mieghu. Izjed minn hekk, meta l-kawza originali kienet giet appuntata ghas-sentenza finali ghall-ewwel darba fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), ir-rikorrenti ma seta bl-ebda mod jobsor illi sussegwentement kienu ser isiru total ta' hdax (11)-il differiment f'medda ta' hames snin qabel ma finalment tinghata d-decizjoni. Cert li kull differiment li inghata inghata bl-istennija li jkun l-ahhar wiehed u ghalhekk kien ikun kontrasens li jsir it-tali rikors biex il-kawza tigi appuntata quddiem gudikant differenti."

24. M'huwiex mingħajr meritu dan l-argument tar-rikorrent illi s-sentenza l-aħjar li tinqata' mill-istess ġudikant li kien sema' x-xhieda. Però dan l-argument jidgħajjef aktar ma jgħaddi żmien peress li l-ġudikant li jkun sema' x-xhieda x'aktarx ikollu joqgħod fuq it-traskrizzjonijiet u mhux fuq il-memorja dwar kif ġab ruħu x-xhud biex jara safejn jista' jemmen jew ma jemminx ix-xhieda tiegħu. Lanqas hu mingħajr mertu l-argument li r-rikorrent kien, kif jgħid, qed jistenna li s-sentenza tingħata f'kull data maħsuba għalhekk; u li r-rimedju seta' jirriżulta ineffettiv għaliex żgur li kien ser ikun hemm xi dewmien sakemm il-kawża tiġi riassenjata, u dewmien sabiex il-ġudikant assenjat jqis il-każ (possibbilment billi jitlob trattazzjoni finali mill-ġdid).

25. Skont il-ġurisprudenza tal-QEDB, ir-rikorrent mhux tenut li jieħu dawk il-miżuri "afforded by domestic law for shortening the proceedings",[46] speċjalment meta jkun hemm dubju rigward jekk dawn il-miżuri humiex verament effettivi,[47] adegwati,[48] u meta jkun hemm ċans li dawn jisfaw inutli jew li ikunu kontroproduttivi.[49] B'mod simili, il-qrati Maltin qalu li l-fatt li l-attur ikun naqas milli jagħmel dak li l-liġi tagħtih is-setgħa li jagħmel ma jeliminax għal kollox il-ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli. Dana għaliex jibqa' d-dmir tal-qorti li tmexxi l-kawżi b'mod li jinqatgħu wara smiegħ xieraq fi żmien

[46] *Cappello v. Italy*, 27 ta' Frar 1992, Series A no. 230-F §§16-17; *Salesi v. Italy*, 26 ta' Frar 1993, Series A no. 257-E §§23-24.
[47] *Schouten and Meldrum v. the Netherlands,* 9 ta' Diċembru 1994, Series A no. 304 § 67.
[48] *Guincho v. Portugal*, 10 ta' Lulju 1984, Series A no. 81 § 34.
[49] *H. v. the United Kingdom,* 8 ta' Lulju 1987, Series A no. 120 §77.

raġonevoli.[50] Però, skont il-ġurisprudenza tal-qrati Maltin, dan il-fattur għandu jittieħed in konsiderazzjoni meta l-qorti tiġi għal-likwidazzjoni tal-kumpens xieraq.[51]

*Andament tal-proċeduri*

26. Il-qorti għandha teżamina jekk kienx hemm dewmien eċċessiv jew irraġonevoli fl-andament tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Ir-rikorrenti jilmenta b'mod partikolari dwar il-fatt li l-Kawża ġiet differita għas-sentenza għall-ħdax-il darba u li dan ħa ħames snin. Huwa jsemmi wkoll li s-seduti kienu jiġu differiti għall-perjodu ta' ħames jew sitt xhur, u li l-ewwel dehra ġiet appuntata sitt xhur wara l-preżentata tal-avviż, bi ksur tal-artikolu 195(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirrikjedi li din tiġi appuntata fi żmien xahrejn.

27. L-Avukat tal-Istat jgħid li l-ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq m'għandux jiġi ddeterminat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, iżda fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ. Fi kwalunkwe każ, huwa jargumenta li l-ilment tar-rikorrent għandu jiġi kkonsidrat biss fir-rigward tal-perjodu ta' wara s-26 ta' Settembru 2018 (cioè meta suppost ngħatat is-sentenza), peress li, skont ir-rikorrent, kien fil-prolazzjoni tas-sentenza li kien hemm l-aktar dewmien.

28. Il-qorti tqis li dewmien ta' ħames snin għall-għoti ta' sentenza huwa eċċessiv fih innifsu. Hu iktar u iktar eċċessiv meta jitqies li l-kawża ħadet erba' snin biex tinstema', u li kif diġà ngħad, il-kawża ma kinitx tippreżenta xi komplessità partikolari li tiġġustifika (anki) dan id-dewmien. L-ewwel dehra ġiet appuntata ħafna aktar minn xahrejn wara l-preżentata tal-avviż, u s-seduti ma ġewx skont l-artikolu 195(3) tal-Kap.12, li jgħid li d-differimenti għandhom ikunu mhux iktar minn xahrejn għal xahrejn.[52] Għalkemm il-qorti tapprezza r-realtà li ġudikant ikollu volum kbir ta' kawżi pendenti quddiemu, ingħad mill-QEDB li

[50] *Iris Cassar vs Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 27 ta' Marzu 2015; *Żakkarija Calleja vs Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 15 ta' Diċembru 2015; 165/2021/1AF, *Mark Micallef vs Avukat tal-Istat*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 11 ta' Marzu 2024.
[51] *Raymond Farrugia et vs Avukat Ġenerali et*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 27 ta' Mejju 2016; 574/2021 NC, *Melissa Buttigieg vs Avukat tal-Istat*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali), deċiża 2 ta' Novembru 2022.
[52] Sfortunatament, din id-dispożizzjoni tal-Kap. 12 ma tagħmilx eċċezzjoni għal ħtieġa ta' differimenti aktar fit-tul, kif jagħmel ir-regolament 13(2) ta' L.S. 12.09, għalkemm dan jista' jsir b'regoli.

"the workload in the national Courts cannot be considered as a factor that can excuse the protracted length of the proceedings."[53]

29. In-nuqqas – fejn ikun il-każ – riżultanti mid-dewmien attribwibbli għal volum ta' xogħol li ġudikant ma jistax raġonevolment ilaħħaq miegħu, mhux tal-ġudikant. Dan għaliex hu l-Istat li huwa meħtieġ li jaqsam ir-riżorsi tiegħu u jinvesti biex il-fergħa ġudizzjarja fis-separazzjoni tal-poteri tkun tista' tgħaddi ġudizzju fi żmien raġonevoli.[54]

*L-impatt fuq ir-rikorrent*

30. F'numru ta' sentenzi ġie kkonsidrat ukoll mill-QEDB l-impatt li l-kawża u d-deċiżjoni tal-qorti kien ser ikollha fuq il-persuna li qed tressaq l-ilment. F'ċerti ċirkostanzi – fejn il-kawża tkun timpinġi fuq xi drittijiet partikolari tal-individwu jew tkun tikkonċerna kwistjonijiet li jeħtieġu aktar ħeffa – l-awtoritajiet huma meħtieġa jeżerċitaw diliġenza speċjali jew diliġenza eċċezzjonali, b'dan illi d-dewmien fit-tali ċirkostanzi jitqies ħafna anqas skużabbli jew ġustifikabbli.

31. F'dan il-każ, ġie eċċepiet mill-Avukat tal-Istat li r-rikorrent ma sofra l-ebda danni minħabba ż-żmien li ħadet il-Qorti tal-Maġistrati biex tiddeċiedi l-Kawża. It-trapass ta' żmien bejn il-preżentata tal-Kawża u s-sentenza finali ma serviet għall-ebda telf finanzjarju jew impożizzjoni ta' imgħax salv għall-imgħax legali, li ġie impost mid-data tas-sentenza.

32. Ir-rikorrent jikkontendi li d-dewmien eċċessiv u bla bżonn ċaħdu mid-dritt inerenti tiegħu għaċ-ċertezza dwar kwistjoni li kellu interess inerenti fiha; u cioè l-istat tiegħu bħala debitur o meno. Qali li dan affettwah b'mod partikolari għaliex kien għaddej minn żmien iebes fin-negozju u kellu għalhekk bżonn ta' ċertezza rigward id-debiti u krediti tiegħu.

33. Ir-rikorrent ma kellux wisq 'at stake' fil-Kawża; u lanqas jista' jingħad, fiċ-ċirkostanzi, li kellu jkun hemm wisq dubju dwar l-eżitu. L-uniku inkonvenjenti hu li kellu flus maqbudin b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju matul il-pendenza tal-Kawża. Iżda fir-rigward tal-

[53] *Dumonovski v The former Yugoslav Republic of Macedonia*, app. no. 12898/02, QEDB, deċiża 8 ta' Diċembru 2005.
[54] *Salesi v. Italy,* 26 ta' Frar 1993, Series A no. 257-E; *A.P. vs Italy*, app. no. 35265/97, QEDB, deċiża 28 ta' Lulju 1999, § 18. Ara wkoll, 692/2021/1, *Francis E. Sullivan & Company Limited v. L-Avukat tal-Istat,* Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sede Kostituzzjonali, deċiża 4 ta' Novembru 2024; *Leo Micallef vs l-Avukat tal-Istat,* Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sede Kostituzzjonali, deċiża 30 ta' Settembru 2021.

mertu, ħafna minn dak li ġie deċiż, jekk mhux kollu, kellu jkun jafu, jew kien jafu, qabel is-sentenza: x'ħallas u x'ma ħallasx, bħala kera u arretrati ta' konsum ta' dawl u ilma; u xi ħsara għamel. Forsi ma kienx jaf il-kwantum tad-danni, iżda anki hawn il-pretensjoni tal-atturi kienet likwidata kmieni.

34. Iżda dan ma jfissirx li ma kienx hemm dewmien eċċessiv u irraġonevoli fl-andament tal-Kawża; huwa sempliċiment fattur li jista' jittieħed in konsiderazzjoni meta l-qorti tiġi għall-komputazzjoni tad-danni.

35. B'hekk, meħud kont tan-nuqqas ta' komplessità tal-kawża, it-tul taż-żmien li ħadet, u n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni adegwata min-naħa tal-Istat għal dan id-dewmien, il-qorti ssib li kien hemm dewmien irraġonevoli u eċċessiv fis-smigħ tal-Kawża, b'mod partikolari, iżda mhux biss, fiż-żmien li ttieħed biex tingħata s-sentenza wara li l-provi ngħalqu u s-sottomissjonijiet finali tressqu.

**Kalkolu ta' kumpens dovut**

36. Rigward il-kumpens li għandu jiġi llikwidat, ir-rikorrent għamel riferenza għall-metodu ta' kalkolazzjoni li ħarġet bih il-QEDB fis-sentenza *Riccardi Pizzati v Italy*:-

> 26. As regards an equitable assessment of the non-pecuniary damage sustained as a result of the length of proceedings, the Court considers that a sum varying between EUR 1,000 and 1,500 per year's duration of the proceedings (and not per year's delay) is a base figure for the relevant calculation. The outcome of the domestic proceedings (whether the applicant loses, wins or ultimately reaches a friendly settlement) is immaterial to the non-pecuniary damage sustained on account of the length of the proceedings.
> The aggregate amount will be increased by EUR 2,000 if the stakes involved in the dispute are considerable, such as in cases concerning labour law, civil status and capacity, pensions, or particularly serious proceedings relating to a person's health or life.
> The basic award will be reduced in accordance with the number of courts dealing with the case throughout the duration of the proceedings, the conduct of the applicant – particularly the number of months or years due to unjustified adjournments for which the applicant is responsible – to the stakes involved in the dispute – for example where the financial stakes are of little importance for the applicant – and on the basis of the standard of living in the country concerned. A reduction may also be envisaged where the applicant has been only briefly involved in the proceedings, having continued them in his or her capacity as heir.
> The amount may also be reduced where the applicant has already obtained a finding of a violation in domestic proceedings and a sum of money by using a domestic remedy. Apart from the fact that the existence of a domestic remedy is in full keeping with the subsidiarity principle embodied in the Convention, such a remedy is closer and more accessible than an application to the Court, is faster, and is processed in the

> applicant's own language; it thus offers advantages that need to be taken into consideration.[55]

37. Fuq l-iskorta ta' din is-sentenza, ir-rikorrent qiegħed jitlob il-kumpens ta' €14,250 (mingħajr deduzzjonijiet). L-Avukat tal-Istat jgħid li s-somma mitluba hija assurda għaliex il-"proċeduri kostituzzjonali m'humiex intiżi sabiex parti sfaċċatament takkwista xi kumpens mill-errarju pubbliku sabiex tagħmel tajjeb għad-dejn tagħha u saħansitra tagħmel il-profitt."

38. Dan tal-aħħar punt jirrifletti dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sens li d-danni jirrappreżentaw il-kumpens (konsistenti f'danni morali) għad-dewmien inġustifikat u l-leżjoni tad-dritt għas-smiegħ xieraq, u mhux biex ir-rikorrent jagħmel xi profitt.[56]

39. Jidher li l-qorti hi marbuta, skont *Pizzati*, li titlaq mis-somma ta' bejn €1,000 u €1,5000 għal kull sena li damu għaddejjin il-proċeduri. Dik is-sentenza tidher li tħalli l-għażla f'idejn il-qorti; u l-qorti tagħżel li titlaq mill-iktar somma baxxa, jiġifieri €1,000 għal kull sena, jiġifieri €9,000 b'kollox. Minn din is-somma ser tagħmel dan it-tnaqqis:-

    a. €1,250 rappreżentanti 17 xahar dewmien li ikkontribwixxa għalihom ir-rikorrent; u

    b. 50% mill-bilanċ peress li "the stakes involved in the dispute" kienu "of little importance for the applicant," u għaliex hu spiċċa biex ħallas dak li kellu jħallas madwar għaxar snin wara, mingħajr interessi.

40. Dan ifisser kumpens ta' €3,875.

**Parti deċiżiva**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda:-

a. tiddikjara li kien hemm ksur tad-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fir-rigward tal-Kawża għaliex kien hemm dewmien eċċessiv fl-andament tal-proċeduri u fl-għoti tas-sentenza;

---

[55] *Riccardi Pizzati v. Italy*, app. no. 62361/00, QEDB, deċiża 10 ta' Novembru 2004.
[56] *Gasan Enterprises Limited vs Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 3 ta' Frar 2009; *John A. Said pro et nomine vs Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 11 ta' Novembru 2011.

b. tillikwida, bħala rimedju għat-tali ksur, id-danni non-pekunarji fis-somma ta' €3,875;

c. tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-istess danni non-pekunjarji hawn fuq likwidati.

Bl-imgħax legali, li jgħaddi mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-Avukat tal-Istat.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur